MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru. 17/2004

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
PATRICK ABELA
LOREN RITA ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Patrick Abela, ta' 27 sena, bin Michael u Mary nee' Grech, imwieled Pieta' fil-11 t'Awissu 1976, u residenti 196, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 389576(M), u Loren Rita Abela, ta' 28 sena, bint Emmanuel Caruana u Giovanna nee' Spiteri, imwielda Pieta' fl-20 ta' Frar 1975, u residenti 196, Triq Misrah il-Barrieri, Santa Venera, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 121075(M), u akkuzati talli fl-1 t'April 1997, u fl-20 ta' Jannar 2000, hadu gurament falz quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u quddiem il-Qorti tal-Appell

Kriminali rispettivament, meta t-tnejn xehdu li waqt l-incident tat-traffiku tal-15 ta' Lulju 1994, Loren Rita Abela kienet qeghda ssuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni C9840, meta l-fatt fil-kawza Rita Seguna noe – vs – Loren Rita Abela (Citazzjoni 752/99GCD) (Dok B), fix-xhieda ta' Loren Rita Abela, xehdet li kien Patrick Abela li kien qed isuq dakinhar, u dan bi ksur tal-Artikli 104 u 105 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tad-Difiza tat-30 ta' Gunju 2005, u dik tal-Parte Civili tal-25 t'Awissu 2005.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-fatti illi jinkwadraw dan il-kaz huma pjuttost semplici. Jirrizulta illi kien hemm kollizjoni bejn karozza illi fiha kienu qeghdin l-imputati u mutur misjuq minn Charles Seguna. Saret kollizjoni bejn din il-vettura tal-imputati u l-mutur ta' Seguna, b'konsegwenza ta' griehi ta' certu entita' lil Seguna. Minn dan l-istat ta' fatt, cioe' mill-kolluzjoni u mill-konsegwenti griehi u hsarat illi sofra Seguna, nibtu diversi proceduri, kemm kriminali u kif ukoll civili.

Illi matul il-proceduri kriminali, l-imputati, kemm Loren Rita Abela kif ukoll zewgha Patrick Abela, xehdu illi kienet Loren Rita Abela li kienet issuq waqt illi sehhet il-kolluzjoni mal-mutur (ara xhieda quddiem Appell Kriminali a fol 215 u xhieda tal-imputat Patrick Abela quddiem l-istess Qorti tal-Appell Kriminali a fol 217 u 218), illi wkoll jafferma illi kienet martu Loren Rita Abela illi kienet qed issuq.

Infatti, fis-sentenza esebita a fol 91-93 (dokument PMG), sentenza tal-Prim Imhallef Vincent de Gaetano, datata 24

ta’ Jannar 2000, instabet htija fl-imputata Loren Rita Abela.

Fil-proceduri civili, illi saru quddiem l-Imhallef Onor. Dr Giannino Caruana Demajo, u precizament fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002, Loren Rita Abela, wara kontro ezami ta’ hamsin faccata, stqarret finalment illi kien zewgha Patrick Abela illi kien qed isuq dakinhar tal-incident, meta huwa kien taht l-eta’ ta’ tmintax-il sena, u ghaldaqstant minghajr licenzja tas-sewqan.

Charles Seguna nnifsu xehed quddiem din il-Qorti fis-16 t’April 2004 fejn gharaf lill-imputati Loren Rita Abela u Patrick Abela bhala l-istess persuni illi kienu xehdu b’mod kompletament divers quddiem Qorti ohra fil-proceduri kriminali (ara xhieda a fol 12-14).

F’dawn il-proceduri gew esebiti dokument MC a fol 16-87, ix-xhieda tal-imputati quddiem l-Imhallef Caruana Demajo, bil-proceduri kollha quddiem dik il-Qorti esebiti bhala AP1 u AP2, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (dokument PMG) a fol 91-93, kif ukoll ix-xhieda li nghatat fil-Qorti tal-Appell Kriminali fl-atti processwali, fil-kawza Il-Pulizija vs Patrick Abela u Loren Rita Abela, a fol 191-224.

L-imputati ghazlu illi ma jixhdux.

Ikkunsidrat:-

L-imputati jinstabu akkuzati bir-reati kontemplati fl-Artikli 104 u 105 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Artiklu 104 jghid:

*(1) ‘Kull min jaghti xhieda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata, jehel, meta jinstab hati, minn sentejn sa hames snin prigunerija.’*

L-Artiklu 105 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

*‘Kull min jaghti xhieda falza fi proceduri kriminali dwar reat mhux imsemmi fl-ahhar Artiklu qabel dan, sew kontra kemm favur il-persuna mputata jew akkuzata, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta’ prigunerija minn disa’ xhur ta’ sentejn.’*

Il-Qorti tibda’ biex tippreciza illi r-reat kontemplat fl-Artiklu 104 zgur illi ma japplikax ghall-ebda wiehed mill-imputati, stante illi l-akkuzi kriminali, li kienu migjuba kontra Loren Rita Abela li spiccaw b’sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta’ Jannar 2000 (ara dokument PMG a fol 91 et seq), ma kkontemplawx reati illi jwasslu ghal piena ta’ ‘l fuq minn sentejn, u dan ghaliex l-imputata Loren Rita Abela apparti l-offizi kontra r-regolamenti tat-traffiku, giet akkuzata b’offizi ta’ natura hafifa nvolontarji, u bi hsara nvolontarja taht l-Artiklu 328 tal-Kap 9.

Illi hawnhekk zgur ma japplikax l-Artiklu 104 tal-Kap 9.

Illi ghar-rigward tal-akkuza ta’ spergjur taht l-Artiklu 105 tal-Kap 9, id-Difiza tirritjeni, fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha u waqt it-trattazzjoni, illi l-imputati ma jistghux jinstabu hatja stante illi jonqos il-prova tal-identifikazzjoni, stante illi din ma gietx debitament prodotta mill-Prosekuzzjoni. Id-Difiza ghamlet anologija ta’ dan in-nuqqas ta’ identifikazzjoni man-nuqqas ta’ identifikazzjoni f’kaz ta’ ricediva mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti mbaghad rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-Parte Civili, u taqbel ma’ dak illi gie sollevat fl-ewwel zewg faccati tan-nota tal-25 t’Awissu 2005, fis-sens illi l-proceduri, kemm dawk quddiem l-Imhallef Caruana Demajo, kif ukoll dawk quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Prim Imhallef Vincent de Gaetano, tal-20 ta’ Jannar 2000, jidher car illi l-imputati Patrick Abela u Loren Rita Abela huma l-istess persuni illi z-zewg proceduri li jitrattaw fuq l-istess incident u dan huwa msahhah mix-xhieda kollha illi gew esebiti quddiem din il-Qorti taz-zewg stanzi, huwa msahhah ukoll mid-dati tal-incident, mill-lokalita’ ta’ fejn sehh l-incident, u minn dettalji bhal numri tal-vetturi nvoluti etc.

Illi di piu', il-vittma tal-incident Charles Seguna, quddiem din il-Qorti, fix-xhieda tieghu a fol 12-14, ikkonferma l-identifikazzjoni tal-imputati u kif u meta xehdu b'mod u kif imbaghad inbidlet il-verzjoni fil-Qrati Superjuri.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod takkolji din l-eccezzjoni tad-Difiza.

Il-Qorti sejra tezamina t-tieni eccezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-Difiza, u cioe' illi r-reat adebit lil Loren Rita Abela ma jistax jigi sostenut fil-konfront taghha stante illi hija fil-proceduri kriminali kienet l-imputata, **'u ghaldaqstant qatt ma tista' titqies bhala xhud li telghet tixhed favur jew kontra persuna akkuzata.'**

Il-Qorti ezaminat ukoll dak illi gie sottomess mill-kwerelanti fin-nota taghhom tal-25 t'Awissu 2005, fit-tielet u r-raba' faccata.

Ikkunsidrat:-

Illi ma hemm dubju ta' xejn illi kemm l-imputat Patrick Abela kif ukoll Loren Rita Abela xehdu l-falz fi proceduri kriminali meta asserixxu illi kienet Loren Rita Abela illi kienet qed issuq fl-incident de quo. Din saret ghal diversi ragunijiet fosthom illi dak iz-zmien Patrick Abela kien taht it-tmintax-il sena, ergo ma kellux licenzja tas-sewqan, u ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni u kienet biss Loren Rita Abela illi kellha licenzja tas-sewqan. Wiehed jista' jargumenta illi kien hemm diversi cirkostanzi illi gharrqu din il-koppja govanili, inkluz li Loren Rita Abela dak iz-zmien kienet tmien xhur tqila, kien hemm ix-xokk tal-incident fejn Charles Seguna safa mwegga' serjament, u bil-biza' ta' rinfaccjar ta' proceduri kriminali u civili kontra l-koppja ta' eta' tenera li kienu dehlin ghall-piz tal-familja.

Patrick Abela, f'dan il-mument, iddecieda illi flok ma jirrinfaccja l-konsegwenzi ta' ghemilu, idahhal lilu nnifsu u martu f'bizibilju ta' nkwiet, meta iddecieda u ftiehem ma' martu biex jaghtu partikolaritajiet foloz dwar kif gara l-

incident, u sahansitra li jixhdu l-falz fil-proceduri legali sussegwenti.

Tista’ din il-Qorti ssib htija fl-imputata Loren Rita Abela taht l-Artiklu 105 tal-Kap 9?

Illi huwa evidenti illi l-Artiklu 105 qieghed jikkontempla xhieda guramentata falza ta’ xhud u mhux tal-persuna tal-akkuzata. Dan huwa evidentissimu mill-kliem preciz tal-ligi illi tghid *‘Kull min jaghti xhieda falza fi proceduri kriminali…sew kontra kemm favur il-persuna mputata jew akkuzata.’*

Huwa evidentissimu illi l-akkuza taht l-Artiklu 105 tal-Kap 9 ma tistax u qatt ma setghet tigi adebita lill-imputata Loren Rita Abela u l-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-istess imputata, kien messha akkuzat lill-istess Loren Rita Abela taht l-Artiklu 108 tal-Kap 9.

L-istess pero’ ma jistax jinghad kontra Patrick Abela peress illi l-imputat Patrick Abela kien xhud fil-proceduri kriminali kontra Loren Rita Abela, u xehed dak illi xehed, kif diga’ hawn fuq spjegat.

Il-Qorti rat is-sottomissjonijiet tad-Difiza taht il-parti numerata tlieta tan-nota tas-sottomissjonijiet taghha u ma tistax tikkondividi ma’ dak sollevat mid-Difiza. Dan qieghed jinghad il-ghaliex fil-proceduri kriminali kontra Loren Rita Abela li gew finalizzati permezz tas-sentenza tal-Prim Imhallef Dr Vincent de Gaetano fil-kaz deciz fl-24 ta’ Jannar 2000 (ara dokument PMG a fol 91), l-imputat Patrick Abela ghazel hu illi jixhed favur martu (ara verbal a fol 213 tal-process), apparti illi martu, l-akkuzata f’dawk il-proceduri, dejjem kellha d-dritt illi taghzel illi ma tixhidx izda dan ma ghamlitux.

Illi ghar-rigward dak sottomess fir-raba’ parti tan-nota tas-sottomissjonijiet tad-Difiza, il-Qorti taqbel perfettament ma’ dak sollevat fis-sens illi, fil-kawza civili, iz-zewg imputati ghamlu ‘retraction’ mix-xhieda originarja. Il-Qorti taghraf ukoll illi hija gurisprudenza kostanti illi ma jistax ikun hemm reat ta’ testimonianza falza fejn ikun hemm

‘retraction’. Illi fil-kaz in ezami, pero’, il-cosi detta ‘retraction’ illi giet registrata fil-proceduri civili, hija l-prova tat-testimonjanza falza illi giet moghtija fil-proceduri kriminali li kienu ffinalizzati permezz tas-sentenza tal-24 ta’ Jannar 2000.

Illi ghalhekk anke f’dan il-kaz, il-Qorti ma tistax takkolji l-eccezzjoni ta’ ‘retraction’ sollevata mid-Difiza stante illi din ir-‘retraction’ kienet indirizzata ghal dak illi l-imputati xehdu fil-kawza civili biss.

Finalment, id-Difiza ssollevat l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni. Illi l-preskrizzjoni ghar-rigward tar-reat kontemplat taht l-Artiklu 105 tal-Kap 9, huwa dak ta’ hames snin kif precizat mill-Artiklu 688(d) tal-Kap 9. Illi x-xhieda tal-imputati Loren Rita Abela u Patrick Abela, u r-‘retraction’ taghhom sehh fis-26 t’Ottubru 2001. Dan kien il-mument preciz fejn seta’ gie stabbilit illi sehh reat.

Illi di piu’, skond l-Artiklu 692 tal-Kodici Kriminali, il-preskrizzjoni tibda’ meta wiehed ikun jaf bl-identita’ tal-hati. Fil-kaz in ezami, dan gie skopert meta Loren Rita Abela xehdet fil-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-Difiza.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat Patrick Abela hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 28A, 105 u 109 tal-Kap 9, tikkundanna lill-imputat Patrick Abela ghal sena prigunerija sospiza ghal sentejn, u ghal interdizzjoni generali ghal perjodu ta’ ghaxar snin mid-data ta’ din is-sentenza, waqt illi ssib lill-imputata Loren Rita Abela mhux hatja skond l-akkuza u tilliberaha ghal ragunijiet diga’ fuq moghtija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------